**KUNSILL LOKALI** **KALKARA** **LOCAL COUNCIL**

| MINUTI |
| --- |
| **Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara** |
| **Is-8 LEĠISLATURA** |
| **Laqgħa Numru 05/2020** |

15 ta April 2020

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' formalment online fuq il-pjattaforma ta' zoom minhabba ic-cirkostanzi prezenti (i.e. Covid 19), fis-1:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**5.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

5.1.1 Ma kinx hemm

**5.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

5.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 4 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

5.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas il-minuti ġew approvati unanimament

**5.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**5.3.A** A Is-Sindku informa l-Kunsill dwar żviluppi ġodda u diskussjonijiet li kien hemm fuq is-Sea Bin. Huwa saħaq illi f'dawn l-aħħar jiem hu flimkien mas-Seg Eżek kellhom anki video calls mal-organizzazzjoni Żibel , fejn dawn qalulna illi b'dan is-sea bin speċifikament huma kienu qiegħedin jitilfu l-flus minħabba ħsarat u anki vandaliżmu li fl-aħħar kien safa dan l-istess apparat.

Sadanittant bniedem li jagħmel użu mill-mażra li hemm viċin dan is-Seabin kellem lis-Sindku kif ukoll is-Seg dan il-għaliex huwa safa vittma ta' ħsarat fid-dgħajjes tiegħu kemm ilu mweħħel is-Seabin u wkoll qalilna li hemmhekk mhux postu għaliex hu kien ilu jorbot id-dgħajjes tiegħu mal-istess mażra għal snin twal bil-permessi kollha neċessarji. Fl-istess ħin is-Sindku qal illi la darba s-Seabin huwa l-kunsill proprjeta' tiegħu għandu kull dritt jiddeċiedi f'isem il-kunsill li jitweħħel banda oħra dan il-għaliex ma jistax ikun isir ħsara fuq id-dgħajjes u l-kunsill ikun irid iħallas dawn l-istess ħsarat.

Wara li saret il-videocall ma' Zibel, s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv għamlu kuntatt ma' Transport Malta fejn ġie kkonfermat lilhom b'mod verbali minn diriġenti ta' Transport Malta illi dan is-seabin ġie mweħħel fiż-żona indikata bla ebda permess formali minn naħa tagħhom, fejn fil-verita' l-kunsill ma għandu l-ebda jgħedd ta' poter fejn jidħol il-baħar u dak li jġib miegħu imma huma l-awtorita' kkonċernata. Is-Sindku baqa' jisħaq illi fuq din il-materja, kemm ilu sindku hu l-kunsill qatt ma ġie gwidat kif suppost minn din l-organizzazzjoni li ħadet ħsieb it-tweħħil ta' dan l-apparat kif kienu għamlu ma kunsilli oħra. F'dan il-punt tkellmet ukoll il-kunsilliera Speranza Chircop, li fi żmien li sari l-ftehim, serviet bħala Sindku tal-kunsill u saħqet li hi qatt ma ġiet gwidata biex isir xi forma ta' permess għas-seabin

Is-Seg Eżek bagħtet email formali lill-Żibel fuq din il-kwistjoni pero' sal-ġurnata ta' din is-seduta kien għad ma kien hemm l-ebda tip ta' risposta minn naħa tagħhom.

Safrattant is-Seabin m'huwiex qed jaħdem għaliex huwa maqluh u mtella' f'postu biex dan ma jagħmilx iktar ħsara lid-dgħajjes li hemm marbuta fil-preżent bħala prekawzzjoni.

**B** Is-Sindku informa l-kunsill illi f'dawn l-aħħar jien huwa kien ġie avviċinat minn xi residenti li joqgħodu Santu Rokku kemm b'messaġġi kif ukoll telefonati rigward il-fatt illi din it-triq hija twila ħafna u hemm bżonn ta' aktar sinjali bl-isem tal-istess triq minħabba l-fatt illi kien qed ikollom diffikulta' jirċievu ittri jew parcels li huma qed jordnaw inkluż deliveries ta' xirijiet li bħalissa żdiedu minħabba s-sitwazzjoni preżenti li qiegħedin ngħixu fiha visavi Covid 19.

Fuq nota oħra s-Sinjura Maria Sultana saħqet illi xi nies minn dawn l-istess inħawi avviċinaw lila wkoll illi fil-preżent delivery man m'għandu l-ebda tip ta' għajnuna meta jiġi biex jieqaf u jwassal xirjiet dan minħabba n-natura tat-triq stess li hija waħda dejqa kif ukoll b'nuqqas ta' parkeġġ. Is-Sinjura Sultana saħqet illi tajjeb li wieħed jitkellem mal-awtorita' kkonċernata biex forsi l-kunsill jingħata permess jiżboħ kaxxa li tkun tista' tiġi wżata għall-'loading u unloading' għal ħin qasir biss bħala għajnuna lil dawn id-drivers li jkollom xogħol xi jwasslu lir-residenti stess.

Is-Sur Chris Bruno saħaq illi dik it-triq hija waħda problematika mmens speċjalment meta tiġi biex tgħaddi tal-linja. Huwa saħaq illi ż-żona hija waħda 2 way , dejqa ħafna u ġieli wkoll ikun hemm karozzi pparkjati . B'dan kollhu bniedem li jagħżel li jgħaddi minn hemm u jinzerta tal-linja għandu mill-inqas għaxar minuti jistenna sakemm ikollu aċċess f'din l-istess triq sfortunatament. Għalhekk hemm bżonn li jsir xi tip ta' 'traffic lights' biex bniedem ikun iggwidat meta għandu jgħaddi u meta le.

Dawn is-suġġerimenti kollha ta' hawn fuq ser jiġu mgħoddija lill-Transpost Malta biex b'hekk il-kunsill ikollu gwida aħjar dwar kif jista' jnaqqas dawn l-inkonvenjenti kollha.

**C** Is-Sindku informa l-kunsill b'xi tibdil li kien hemm fl-operat tal-kunsill fiċ-ċirkostanzi preżenti dan biex il-ħaddiema tagħna jkunu ssalvagwardjati mill-virus li hawn fil-preżent. Huwa saħaq illi l-kunsill xorta ser ikun miftuħ pero' b'kundizzjonijiet ġodda għar-residenti jew għal dak il-bniedem li ġie biex jinqeda mill-uffiċini tagħna. Fl-istess ħin inħarġu notifiċi ġodda minn naħa tal-kunsill stess biex b'hekk wieħed ikun iggwidat kif suppost. Sadanittant ix-xogħol kollu amministrattiv li jinkludi permessi , ħlas ta' ċitazzjonijiet , booking għall-bulky u dak ix-xogħol kollu li s-soltu jsir minn naħa ta' dan l-istess uffiċju għadu qed isir bla problemi ta' xejn.

**D** Is-Sindku informa l-kunsill rigward kull triq li ġiet iddisinfettata f'dawn l-aħħar jien bil-koperazzjoni kollha ta' Clean Malta ġewwa l-Kalkara. Huwa saħaq illi bil-għajnuna ta' Clean Malta f'temp ta' tliet ġimgħat fortunatament saru żewġ batches ta' toroq li ġew disinfettati kif suppost u b'kimika apposta minn naħa tagħhom. Huwa saħaq illi impossibli tilħaq kullimkien u l-għan ta' din il-kwistjoni huwa li jiġu disinfettati żoni fejn l-aktar jiġu frekwentati minn nies bħal pereżempju fejn il-ħwienet, bus stops fejn spiżeriji eċċetera u mhux kull triq u sqaq li jeżisti. Tajjeb li kull kunsillier ikun jaf l-affarijiet kif inhuma biex b'hekk kullħadd ikun jista' jagħti l-istess risposta l-dan il-persuna li forsi jistaqsi 'l għaliex ma kinitx saret it-triq fejn joqgħod hu partikolari. Is-Sindku żied jgħid illi tajjeb ngħidu illi Clean Malta bħalissa għaddejja b'ħidma ta' disinfestazzjoni madwar Malta u Għawdex kollu. Is-Sindku kompla jgħid li dan id-diżinfettar sar kompletament b'xejn anke fid-dawl tal-fatt li dan l-aħħar il-kunsill irċieva emails b'offerti minn kumpaniji privati biex isir ħlas għal diżinfettar

**E 1** Is-Sindku informa l-kunsill dwar ilment / suġġeriment li kien daħal minn naħa tas-Sur Vince Bongailas rigward in-nuqqas ta' dawl li kien hemm ġewwa Triq il-Frejgatina. Is-Seg Eżek kompliet tispjega illi hi flimkien mas-Sindku kienet kelmet il-dik il-persuna li daħlet dan is-suġġeriment fejn wara l-investigazzjonijiet li saru anka minn naħa tas-Sindku ġejna nfurmati anka b'video li ittieħed bil-lejl illi f'din l-area partikolari hemm dawl biżżejjed u kif suppost. Is-Seg Eżek talbet lis-Sur Bongailas ikellem il-dik il-persuna li oriġinarjament kelmitu biex isir żieda ta' dawl f'din iż-żona biex b'hekk anka forsi wieħed ikun jista' jiltaqa' fuq is-sit partikolari biex terġa' tiġi riveduta din is-sitwazzjoni minħabba xi nuqqas ta' ftehim li forsi jista' jkun hemm.

**E2** Is-Sindku informa l-kunsill illi anke wara suġġeriment li kellhu minn naħa tas-Sinjura Speranza Chircop, il-wifis kollha tal-lokal ġew mitfija bħala prekawzzjoni u biex ma jkunx hemm 'gatherings' ta' nies flimkien kemm minn naħa tal-gvern hekk kif ukoll ġie mħabbar mill-Ministru kkonċernat fuq il-midja soċjali fil-jiem li għaddew kif ukoll mit-tekniċi tal-kunsill speċjalment fejn tidħol il-Bajja tar-Rinella minħabba t-tixrid tal-virus tal-covid 19 biex b'hekk il-kunsill ukoll ma jagħtix inċentiv lin-nies li joqgħodu fi gruppi kbar fiż-żoni koperti bl-internet b'xejn.

**E3** Is-Sindku informa l-kunsill illi l-awdituri ma kellom l-ebda tibdil x'jagħmlu fil-financial statements 2019 li sar l-awditjar tagħhom u waqt din is-seduta ser ikollom jerġgħu jiġu mgħoddija biex b'hekk ikompli l-proċess finali minn naħa tagħhom hekk kif isir kull sena u skond ir-regoli finanzjarji li l-kunsill għandu jobbliga.

Il-kunsill għadda s-set tal-financial statements bit-tibdiliet minimi li kellhom unanimament biex b'hekk is-Seg Eżek tħejji d-dokumenti finali lill-awditura hekk kif kien qiegħed jiġi mistenni minn naħa tagħha.

**E4** Il-kunsill qabel unanimament illi l-kors online li kien qed jiġi ssuġġerit mill-kumpanija 'tctc' għal din id-darba ser ikollu jinqabeż dan minħabba l-fatt illi r-residenti anzjani tal-Kalkara jippreferu li jkunu fiżikament preżenti għal lezzjoni anke minħabba l-fatt illi hemm min lanqas jaf jixgħel il-computer sfortunatament.

Hija raġunata l-kwistjoni illi lezzjonijiet online għall-istess anzjani tagħna m'humiex ser ikunu ta' għajnuna għalihom fil-preżent. Dan ukoll sar minħabba nuqqas ta' booking li kien qed ikollna għall-korsijiet simili ta' dan biex wieħed inaqqas ukoll l-istess spejjeż ta' kunsill fejn jidħol reklamar tal-istess kors mingħajr korrespondenza / interess minn nies stess.

**E6** Is-Seg Eżek spjegat kwistjoni li kienet ilha għaddeja għal dawn l-aħħar jiem bejn residenti li għandom ħwienet ġewwa Triq il-Ġenista u transport malta biex isirulu l-markings kif suppost quddiem dawn l-istess ħwienet peress illi l-kunsill daħlu xi ilmenti formali illi fil-preżent dawn l-owners ma kellomx l-affarijiet kif suppost, bħala kunsill iċċekja dan huwiex veru u instab illi l-markings is-sofor li kien hemm bħalissa mal-art ma kienux qiegħedin hemm bil-permessi kollha neċessarji. L-istess sid irringrazzja ħafna l-kunsill ta' kemm prova jgħinu biex din il-kwistjoni tiġi solvuta imma fil-preżent hu għandu bżonn permessi oħra biex ikun jista' jipproċedi u jkollu dak li jrid hu sfortunatament u kkonferma illi l-linji sofor quddiemu jistgħu jiġu miżbugħin bl-abjad fil-preżent. Dan kollu ġie mgħoddi lill-awtorita' kkonċernata biex b'hekk ittina l-permess formali biex dawn il-kaxxi jinżebgħu bojod għal użu ta' kulħadd kif inhu suppost. Lil dan ir-resident ukoll bħala kunsill sħaqna illi kull meta jkollu bżonn ta' 'loading' 'unloading' jew iħott dak li jkollu bżonn kull m'għandu jagħmel hu li javviċinana biex noħorġulu permessi li jkollu bżonn biex ħadd ma jipparkjalu fil-ġurnata li hu jindikalna biex b'hekk ukoll inkunu qiegħedin ngħinuh minn naħa tagħna wkoll.

E7 Is-Seg Eżek infurmat il-kunsill dwar il-possibilta' li jkollna 'epos machine' għal benefiċċju tar-residenti tagħna jew għal forsi xi individwu li jkun irid iħallas bil-card u mhux b'cash jew cheque. Hija wkoll innutat illi fil-lokal fil-verita' wieħed aktar iħallas cash minħabba li l-maġġoranza tan-nies anzjana li għandna, pero' hi kienet bagħtet email lill-assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali biex iġġib aktar informazzjoni dwar din il-possibilta' speċjalment biex wieħed jara x'charges iġġib magħha kemm għal kunsill kif ukoll għal individwu li jagħżel li jagħmel użu minnha.

E8 Is-Sindku informa l-kunsill li kienet ser tiġi mġedda l-insurance tal-kunsill li tinkludi lill-kunsilliera, ħaddiema u dak kollhu li għandu x'jaqsam mal-binja tal-istess kunsill dan wara li jinġiebu 3 kwotazzjonijet hekk kif inhu suppost u hekk kif tgħid il-liġi.

E9 Is-Sindku informa l-kunsill illi fil-ġranet li ġejjin tajjeb li wieħed jaħseb biex isir 'risk assessment' tal-binja amministrattiva tal-kunsill dan wara li kien sar ilu u ħabba raġunijiet ovvji wieħed ikun irid jerġa' jagħmel reviżjoni speċjalemnt minħabba raġunijiet ta' ' health and safety ' tal-istess impjegati li jkunu qiegħedin hemmhekk il-maġġoranza tal-ġurnata.

E10 Is-Sindku informa l-kunsill dwar servizz ġdid li bħala kunsill ser inkunu qiegħedin noffru dan wara li hu kien għamel l-arranġamenti kollha neċċessarji mal-kumpanija 'GO TO' biex tingħata karozza l-kunsill kull nhar ta' erbgħa u ġimgħa b'ħinijiet stipulati fejn wieħed ikun jista' jagħmel użu minnha permezz ta' ħaddiem tal-kunsill

ukoll bħala xufier biex jaqdi l-qadi essenzjali tiegħu speċifikament. Ser tkun qed tittella' notifika fuq il-paġna ufficjali tal-kunsill ta' facebook bin-numru li wieħed irid iċempel biex jibbukja dan is-servizz. Is-servizz ser ukoll jiġi estiżż għal dak ir-resident li jrid imur sa Ħaż-Żabbar, Bormla u Raħal Ġdid għal affini ta' klinika, banek u anke forsi ħlasijiet ta' kontijiet hekk ukoll kif issuġġeriet is-Sinjura Speranza Chircop. Dan is-servizz ser ikun qiegħed jibda minn nhar l-Erbgħa 22 ta' April 2020 għal xahar konsekuttiv. Is-Sindku żied jgħid illi l-kunsill m'hu ser ikun qiegħed joħroġ l-ebda spejjeż għal dan is-servizz li ser ikun qed jingħata lir-residenti tal-lokal.

E11 Is-Sindku informa l-kunsill illi ser ikun qiegħed jgħaddi informazzjoni essenzjali lil kulħadd biex min forsi ikollu bżonn jitkellem ma' xi ħadd f'dawn il-ġranet u s-sitwazzjoni xejn pjaċevoli li qiegħedin ngħixu fiha ikun jista' jċempel fuq dan in-numru u jiġi assenjata persuna waħda li tkun dejjem l-istess li tkellmu u mhux kull darba li jċempel ikellem il-persuna oħra. Dan is-servizz jinkludi wkoll persuna volontiera li ser tkun qed tirritorna t-telefonati kuljum biex b'hekk tibqa' ssegwi l-individwu li jkun ċempel oriġinarjament.

E 12 Is-Sindku informa l-kunsill dwar sinjali ġodda li ġew impinġija mal-art permezz ta' 'stencil' fejn postijiet prominenti bħal spiżeriji, 'bus shelters' u ħwienet biex wieħed iżomm id-distanza speċjalment f'dawn il-jiem li kulħadd huwa kkonċernati rigward dak li qiegħed jiġri kif ukoll b'hekk il-kunsill ikun qiegħed jgħin lill-awtoritajiet ta' saħħa bi gwida lejn in-nies li jkunu qiegħedin fil-'que' jistennew biex jinqdew.

5.4. 4.3 c mill-Minuti precedenti

Is-Seg Eżek reġgħet fakkret il-kunsilliera biex jibgħatula żoni li fil-fehma tagħhom tista' tiġi 'playing field' addizzjonali dan wara li mhux kulħadd kien bagħtila email formali kif kien miftiehem.

Iż-żoni tawomlha waqt din is-seduta u jinkludu:

- Fejn il-Bajja ta' Rinella (VB)
- Santu Rokku ( SC)

5.4 4.4 E mill-Minuti preċedenti

Is-Seg Eżek infurmat il-kunsill speċjalment lis-Sur Chris Bruno illi l-kwistjoni tas-siġra li nibtgħet fuq is-saqaf tal-kappella tas-Salvatur kienet ġiet solvuta mall-kappillan dirett dan il-għaliex il-Heritage Malta kkonfermaw li din ma taqax taħtom hekk kif kienet ġiet igwidata hi. Il-Kappillan ikkonferma illi ser ikun qiegħed jieħu ħsieb minn naħa tiegħu li tinqala' kif suppost u jekk hemm xi ħsarat jara illi jittranġaw minn naħa tiegħu la darba din il-kappella taqa' taħt il-mertu tal-Parrocca.

## 5.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**5.4 a 1** Is-Sinjura Maria Sultana talbet forsi xi informazzjoni fuq l-aħħar żvilluppi fuq ix-xogħol li kien qiegħed isir ġewwa t-taraġ ta' San Ġużepp. Is-Sindku kkonferma illi hu kellu telefonata mal-'projects manager' fejn qalu illi x-xogħolijiet qegħedin ikomplu b'rata mgħaġġla biex b'hekk jingħalaq dan ix-xogħol mill-aktar fiss possibli. Il-Projects Manager ta' dawn ix-xogħolijiet żied jgħid illi minħabba s-sitwazzjoni preżenti i.e covid 19 kienu qiegħedin isibu problema anke minħabba l-ħaddiema stess li qiegħedin jagħmlu dan ix-xogħol anke kienu qiegħedin isibu nuqqas ta' suppliers li bħalissa għalqu biex jinxtara l-materjal li jkun hemm bżonn.

5.4a2 Is-Sinjura Sultana issuġġeriet illi f'dawn iż-żmienijiet xejn pjaċevoli tajjeb li l-Kunsill jaħseb f'xi ħaġa biex iferraħ u jtella' l-morall ir-residenti fil-lokal.

**5.4a3** Is-Sinjura Sultana innuttat u infurmat il-Kunsill b'rimi illegali li sar f'dawn il-ġranet li għaddew minn naħa tar-residenti ġewwa Triq il-Villa tal-Ammirall, fejn kemm is-Sindku u kemm is-Seg Eżek ikkonfermaw illi kienu diġa' jafu bil-każ u ser ikunu qiegħedin jieħdu ħsieb minn naħa tagħhom illi jkellmu lill-individwu li għamel dan l-att u jinfurmaw il-kuntrattur biex jitnaddaf kollox mill-aktar fiss possibli.

5.4 b 1 Is-Sinjura Speranza Chircop talbet il-kunsill biex tintbgħat email lill-awtoritajiet ikkonċernati ma' transport biex jieħu fil-konsiderazzjoni tagħhom rotta ġdida li qatt ma kien hawn il-Kalkara lejn tas-Sliema kif ukoll lejn l-ajruport ewlieni ta' Malta dan wara ħafna suġġerimenti li hi kellha mingħand residenti stess.

5.4 b2 Is-Sinjura Chircop saħqet illi hemm bżonn li wieħed ikellem il-kuntrattur li qiegħed jaħdem Triq il-Kapuċċini biex b'hekk wara t-trabb li hu jkun qiegħed jaqla' tajjeb li jieħu ħsieb iġib bowser u jxarrab l-art hekk kif inhu suppost minħabba l-inkonvenjent li bħalissa qiegħedin jgħixu fih ir-residenti ta' dik l-area.

5.4 b 3 Is-Sinjura Chircop fakkret il-kunsill dwar rikjesta minn naħa tar-residenti li joqgħodu ġewwa Triq l-Ixprunara għal żieda ta' fanal fit-tarf tal-istess sqaq minħabba nuqqas ta' dawl illi hemm fil-preżent.

5.4c1 Is-Sur Chris Bruno saħaq illi fil-preżent il-markings u sinjali ta' gwida għas-sewwieqa li hemm ġewwa Triq is-Sienja int u sejjer lejn Triq Melchiorre De Robles m'humiex qiegħedin kif suppost dan il-għaliex l-'stop sign' qiegħeda mmarkata l-ġewwa u karozza li tkun ġejja minn Melchiorre De Robles ma tkunx tista' tara dik il-karozza li tkun ġejja minn naħa l-oħra u ser isir xi inċident jekk wieħed ma joqgħodx attent.

5.4c 2 Dan il-punt ġie miżjud f'punt preċedenti f'din is-seduta stess.

**5.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

5.5.1 Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti minħabba l-fatt illi din is-seduta ġiet skedata online.

5.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Chris Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 4.20

**5.6 Mozzjonijiet**

5.6.1 Ma kienx hemm

**5.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

5.7.1 Is-Seduta ntemmet fit-3:30 pm. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għat-13 ta' Mejju 2020 fis-1:30 pm.

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv